# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,

E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **11** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **il-Ħamis 10 ta' Ġunju 2010 fis-6.30pm.**

## L-Ewwel Seduta

| **Preżenti** | **Membri** |
|---|---|
| **Is-Sindku** | Is-Sur Mario Calleja |
| **Il-Viċi Sindku** | Is-Sur Charlot Mifsud |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur Jesmond Mugliett<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sinjura Carmen Fearne<br>Is-Sur George Farrugia |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Is-Sur Joseph Grech |
| **Skużat** | Is-Sur John Baptist Camilleri<br>Is-Sur Sandro Gatt |

## Aġenda

1. Jinqraw u jiġu kkunsidrati l-Minuti.
2. Wara konsiderazzjoni, biex jiġi approvat li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jiffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.
3. Punti li joħorġu mill-Minuti.
4. Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq iressaq quddiem il-Kunsill.
6. Mistoqsijiet.
7. Mozzjonijiet.
8. Ħatra ta' librar għal librerija tal-Kunsill Lokali.
9. Aġġornament.


Mayor
Mario Calleja

Deputy Mayor
Charlot Mifsud

Councillors
John Baptist Camilleri
Carmen Fearne
Lawrence Ciantar
George Farrugia
Sandro Gatt
Jesmond Mugliett
Daniel Spiteri

Executive Secretary
Josef Grech

1.0 ***Qari u approvazzjoni tal-Minuti:***

1.1 **Laqgħa Nru 10(1) tal-13 ta' Mejju 2010:**

Il-Minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni li artiklu 2.6 it-tielet paragrafu għandu jiżdied dan il-kliem.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fil-mozzjoni ta' dawl ornamentali l-Kunsill ma kienx stabilixxa l-ammont ta' lanterni għalkemm kien approva l-mozzjoni. Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar żied jgħid li rridu nistabilixxu l-ammont globali peress li kull lanterna ornamentali tiswa €390 u allura tista taqbeż il-kwota ta' direct order.

1.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li rigward punt numru 1.1.2 it-*traffic management* li għandu jsir huma *traffic calmers*.

**Wara konsiderazzjoni, l-minuti kif emendati ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 ***Matters Arising :***

2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kien mar mal-Perit rigward il-problema li hemm fuq il-bankina ta' Triq il-Blajjiet. L-aħjar soluzzjoni sabiex ma nkissrux il-bankina peress li t-triq mhux wiesgħa biżżejjed huwa li neħħu l-parkeġġ ta naħa waħda.

Is-Sindku żied jgħid li għandna niżbħu l-linji tal-parkeġġ bl-iswed. Huwa kompla jispjega li din hija kontradizzjoni min-naħa tat-TM għaliex huma qablu li neħħu l-linji tal-parkeġġ iżda mhux ir-*reserved parking* li hemm u għaldaqstant din tiġi perikoluża.

Il-Kunsill qabel unanumament li nagħtu reminder lit-Trasport Malta

2.2 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi kien ikkonferma li l-*audit report* ġie diskuss fil-passat.

Is-Segretarju Eżekuttiv żied jgħid illi li l-Accountant preżenti sab li l-fixed assets imdaħħla fis-sistema kienu mdaħħla ħżiena, għaldaqstnat kellu jibni l-*fixed assets register* mill-bidu.

Il-Kunsillier is-Sur George Farrugia staqsa għaliex l-accounts ma kienux saru tajjeb mill-ewwel u għaliex kien irriżenja mill-kariga ta' l-Account.

Is-Sindku għarrfu illi minħabba li l-*fixed assets register* ma kienx qiegħed isir ta' dan ser neħlu s-somma ta' madwar €4000

3.0 ***Ħlasijiet :***

3.1 **Ħlasijiet b'urġenza :**

Ġiet preżentata lista ta' kontijiet li tħallsu b'urġenza, għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

| | PAGAMENTI | Contracts | Invoice Date | Inv No | € |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | **Alfred Debono** | Refund of expenses during the month of April re Arts in the open activity | 13/05/2020 | | 40.00 |
| 2 | **ITS Ltd** | 50% left of payment re sage pastel | 13/05/2010 | | 70.21 |
| 3 | **Lourdes Service Station** | Fuel for van | 14/05/2010 | | 70.00 |
| 4 | **Director General DOI** | Newspaper Advert-Call for Librarian | 14/05/2010 | | 9.32 |
| 5 | **Mobisle Communications** | Final settlement till March 2010 | 20/05/2010 | | 362.62 |
| 6 | **Vodafone Malta Ltd** | Final settlemts of invoices October 09 and May 10 | 20/05/2010 | | 49.02 |
| 7 | **Go** | 3 months Interner | 20/05/2010 | | 69.54 |
| 8 | **WGOEA** | Conference re Elderly Abuse | 25/05/2010 | | 25.00 |
| 9 | **Industrial Projects & Services Ltd** | Claim No 2409 re: Overtime IPSL workers | 27/05/2010 | | 170.30 |
| 10 | **Industrial Projects & Services Ltd** | Claim No 2424 re:Overtime IPSL workers | 27/04/2010 | | 642.78 |
| 11 | **Advanced Telecom Systems Co Ltd** | Continuation of payement of cheque 6697 invoice 41726 | 27/04/2010 | | 155.70 |
| 12 | **Selves** | Petty Cash May 2010 | 27/05/2010 | | 217.60 |
| 13 | **Go plc** | Penalty for termination of agreement & final settlement of mobile calls - 99450861,79637171 | 27/05/2010 | | 540.29 |
| 14 | **Mr.Mario Cassar** | Refund of damages in his vehicle | 28/05/2010 | | 39.00 |
| 15 | **Mr.Roderick Debattista** | Refund for damages in his vehicle | 28/05/2010 | | 100.00 |
| 16 | **Lourdes Service Station** | Fuel for van | 31/05/2010 | | 50.00 |
| 17 | **Mr.John B Camilleri** | Refund of expenses re jack hammer | 31/05/2010 | | 35.00 |

3.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa rigward il-pagament nru.13 fuq x'hiex kien.

Is-Segretarju Eżejuttiv spjega li dawn kienu penali għax kellna *agreement* u ġie terminat.

Il-Kunsill approva unanimament dawn il-pagamenti.

3.2 **Ħlasijiet bi kreditu:**

Ġiet preżentata lista ta' kontijiet bi kreditu, biex jiġu approvati għall-pagament.

| | PAGAMENTI | Contracts | Invoice Date | Inv No | € |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | **Graphics Bazaar** | Newspapers | 18/05/2010 | 59813 | 157.46 |
| 2 | **Boomnerang Disco** | P/A System of dj service-Arti fil-berah | 28/05/2010 | 30 | 70.00 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 3 | **Summer Nights** | Food for triathlon activity | 16/05/2010 | 1854 | 39.90 |
| 4 | **Carmel Grech** | Carnival 2010-Previous cheque cancelled | 11/05/2010 | | 70.00 |
| 5 | **Data graphics** | Billboards full colour on perspex board re UIF Projects | 13/05/2010 | 2196 | 389.40 |
| 6 | **EcoPure** | 18.9l of table water | 14/05/2010 | 193066 | 59.48 |
| 7 | **Hugh Munro** | Designing & painting of 4 boards for arti fil-berah activity | 29/05/2010 | | 150.00 |
| 8 | **Playcraft promotional items** | 2 Colour printed plaque on wooden framed plaque | 28/05/2010 | 4479 | 59.00 |
| 9 | **Antonella Chircop** | Carnival 2010-Previous cheque cancelled | 31/05/2010 | | 70.00 |
| 10• | **Nexos street lighting** | Street Lighting | 28/05/2010 | 1022 | 712.73 |
| 11• | **Nexos street lighting** | Street Lighting | 28/05/2010 | 1021 | 591.94 |
| 12• | **Nexos street lighting** | Supply of new water pump re St.Anne's garden-May | 28/05/2010 | 2008656 | 492.00 |
| 13 | **ITS Ltd** | Sage pastel Partner Consultancy | 27/05/2010 | SIN100692 | 41.30 |
| 14 | **Anton Zarb** | 2 extra Benches for Pjazza Mifsud Bonnici | 25/05/2010 | AZ 52-10 | 692.78 |
| 15 | **Mrs.Doreen Galea** | Carnical Dance 2010 | 15/05/2010 | | 70.00 |
| 16 | **Advanced Telecom. Co Ltd** | Cleaned and Serviced Photocopier | 28/05/2010 | 154461 | 47.2 |
| 17 | **Advanced Telecom. Co Ltd** | Laptop Battery | 25/05/2010 | 41799 | 123.90 |
| 18 | **Veritas Press** | 200 Business cards | 27/05/2010 | 18376 | 17.70 |
| 19 | **John Neville Ebejer** | Service rendered as Tourist guide | 23/05/2010 | | 50.00 |
| 20 | **Domeman Glove** | 3prs of Safety Shoes for IPSL workers | 28/05/2010 | 57485 | 178.65 |
| 21 | **J&A General Operations Ltd** | Trip to Zabbar and Birgu | 23/05/2010 | J1,144 | 100.30 |
| 22 | **Union Print Ltd** | 50 Posters-Arti fil-berah | 19/05/2010 | PI001470 | 88.20 |
| 23 | **Union Print Ltd** | 100 Posters A3-Douzelage | 21/05/2010 | PI001479 | 130.20 |
| 24 | **Union Print Ltd** | 50 Posters Arti fil-Berah | 10/05/2010 | PI001436 | 84.00 |
| 25 | **Stainless Structures Ltd** | Repair of fountain infront of church | 20/05/2010 | 150 | 293.82 |
| 26 | **Stainless Structures Ltd** | 2 Iron gates for Marsaskala Playing field and Playingfield Zonqor | 20/05/2010 | 149 | 857.00 |
| 28 | **Gilbert Ironmongery** | Consumables | 18/05/2010 | 10743 | 220.21 |
| 29 | **ELC** | Parks & Gardens & Soft areas in Marsaskala-April 2010 | 30/04/2010 | 6206 | 1543.75 |
| 30 | **Retina Telecomm Ltd** | To replace wall socker on extension 205 | 24/05/2010 | 60079 | 41.30 |
| 31 | **The Douzelage** | Payement of annual fee 2010 + part payement of translation equipment | 15/05/2010 | | 550.00 |
| 32 | **Karmig Ltd** | Pavement Works-Triq tal-Gardiel and Triq id-Dahla ta' San Tumas | 05/03/2010 | 25100-09 | 1860.22 |
| 33 | **Alpha tech solutions** | Renewal of domain and hosting of marsaskala website | 21/05/2010 | | 100.00 |
| 34 | **MITA** | Connection of new pc to network and configure software | 14/05/2010 | | 56.29 |
| 35 | **Image systems Ltd** | Photocopier rent-31/03/2010-30/04/2010 | 30/04/2010 | RENT/039308 | 53.24 |
| 36 | **Ms.Mona Vella** | 8 Lessons of craft courses | 11/05/2010 | | 175.00 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 37 | **MB Distribution Ltd** | Canon Black Ink Cartridge | 17/05/2010 | 107679 | 156.11 |
| 38 | **MB Distribution Ltd** | Canon Colour Ink Cartridge | 27/04/2010 | 106469 | 253.70 |
| 39 | **Kappillan** | Spejjez involuti f'konsum ta' dawl-Gimgha mqaddsa | | | 100.00 |
| 40 | **Joseph P.Pavia** | Photos of Traditional maltese wedding - 30th May 2010 | 30/05/2010 | | 20.00 |
| 41 | **Wise Owl Publications** | Books | 21/05/2010 | 1586 | 50.00 |
| 42 | **Econing Engineering Consultancy Ltd** | Preperation of SEAP | 26/05/2010 | EC0005/0510/014 | 3700.00 |
| 43 | **Mrs. A Sant** | Librarian May and Arrears for April 10 | 01/05/2010 | | 95.91 |
| **LISTA TA' ĦLASIJIET ADDIZJONALI – 10/6/10 #11(1)** | | | | | |
| 44 | **ELC** | Parks and Gardens May 10 | 31/05/2010 | 6281 | 1543.75 |
| 45 | **Anton Zarb** | Supply of 50 benches | 25/05/2010 | AZ 48-10 | 17319.45 |
| 46 | **Mr. Joseph P.Pavia** | Photographics service Arti fil-beraħ | 29/05/2010 | | 20.00 |
| 47 | **Kummissarju tal-Puluzija** | Police Service on 31/5/2010 | 31/05/2010 | 29871 | 342.85 |
| 48 | **Retina Telecomm Ltd** | Head set | 03/06/2010 | 60128 | 94.40 |
| 49 | **Veritas Press** | 500 Invitation Cards Unita | 02/06/2010 | 18395 | 94.40 |
| 50* | **Mr. Charlo Grixti** | Security Service 31/05/2010 | 02/06/2010 | | 555.50 |
| 51 | **Hempel (Malta ) Ltd** | Paint | 02/06/2010 | 107147 | 54.40 |
| 52 | **Med Design Associates** | Professional Fees Triq l-Iskal | 04/06/2010 | 30004029 | 76.04 |
| 53 | **Med Design Associates** | Professional Fees Triq is-Salini/Qaliet | 04/06/2010 | 30004031 | 322.01 |
| 54 | **Med Design Associates** | Professional Fees Triq La Sengle | 04/06/2010 | 30004030 | 373.32 |
| 55 | **In Design Malta Ltd** | Uniforms | 08/06/2010 | 27038 | 39.90 |
| 56 | **Golden Gate Co Ltd** | Stationery | 08/06/2010 | 349906 | 133.72 |
| 57 | **Golden Gate Co Ltd** | Stationery | 09/06/2010 | 349909 | 32.07 |
| 58 | **Mr. Lawrence A. Cauchi** | Accountancy Service | 31/05/2010 | 2010042 | 569.61 |
| 59 | **Acc, Cleansing Services Dep** | Public Conveinences | 01/06/2010 | MLC/10/50239 | 655.15 |
| 60* | **Acc, Cleansing Services Dep** | Extra Service Public Conveinences | 03/06/2010 | ES/10/2009239 | 88.50 |
| 61 | **S& R Handaq** | Paint | 27/05/2010 | 15,507 | 265.74 |
| 62 | **Mrs. Carmen Fearne** | Expenses Aarti fil-beraħ | | | 45.23 |
| 63 | **Melita p.l.c** | Cable TV | 01/06/2010 | 28791930 | 19.98 |
| 64 | **Schembri Concrete Blocks Ltd** | Concrete Works at Bidni Area | 07/06/2010 | INV071142 | 950.31 |
| 65 | **Schembri Barbros Ltd** | Concrete Works at Bidni Area | 07/06/2010 | INV368917 | 983.73 |
| 66 | **Sides Trenching** | Concrete Works at Bidni Area | 15/03/2010 | | 1106.51 |
| 67* | **Grupp Fund Raising** | Arti fil-Beraħ | 04/06/2010 | | 473.50 |
| 68 | **Oasis Ironmongery** | Consumables | 01/05/2010 | 2656 | 424.92 |
| 69• | **Mr. Ronald Bezzina** | Street Sweeping and Gass Cutting May | 30/05/2010 | 29 | 3,577.53 |
| 70• | **Mr. Ronald Bezzina** | Tneħħija ta' terrapin 2 skips Triq ta' Gidwet c/w Triq Patri Wistin Born | 30/04/2010 | 31 | 150.00 |
| 71• | **Mr. Ronald Bezzina** | Various Works | 30/05/2010 | 32 | 1,005.00 |
| 72 | **Karmig Ltd** | Pavement works at Triq La Sengle | 04/06/2010 | | 12,022.05 |
| 73 | **Karmig Ltd** | Pavement Triq is-Salini & Triq il-Qaliet | 04/06/2010 | | 10,369.87 |
| 74 | **Karmig Ltd** | Pavement Works Triq l-Iskal, Triq Salvu Buahagir Triq is-Silla cw Triq l-Imiriekeb, Triq il-Grigal | 04/06/2010 | | 2,429.73 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 75 | **PC Options Ltd** | 17" Monitor | 10/06/2010 | 6456034 | 146.00 |
| 76 | **Bitmac** | Bags Instant Road Repair | 07/06/2010 | 12080 | 192.34 |
| 77 | **Mr. Duncan Attard** | Chair upholstery | 10/06/2010 | 35/10 | 80.00 |
| LISTA TA' ĦLASIJIET APPROVATI WAQT IL-LAQGĦA – 10/6/10 #11(1) | | | | | |
| 78• | Nexos street lighting | Belishia Lights | 09/07/2010 | 2008639 | 8,693.51 |
| 79• | Mr. Ronald Bezzina | Grass cutting in Non Urban Roads | 30/05/2010 | 17 | 177.08 |
| 80• | Mr. Ronald Bezzina | Grass cutting in Non Urban Roads | 30/05/2010 | 18 | 486.97 |
| **Payments No Cancelled 45** | | | | | |

* *Pagamenti għall-attivita` Arti fil-Beraħ.*

3.2 **Ħlasijiet bi kreditu:**

Ġiet preżentata lista ta' kontijiet bi kreditu, biex jiġu approvati għall-pagament.

3.2.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġiebed l-attenzjoni tal-Kunsill li rigward pagament numru 45, fil-preżent twaħħlu 52 bank b'kollox iżda innota li ċertu bankijiet tnaqqset il-wiesgħa għal-1.77m, 1.78m u varjazjonijiet oħra meta t-*tender* kien speċifikat li l-wiesgħa tkun ta' 1.8m.

Is-Sindku qal li għandha nkejluhom kollha u ninfurmaw b'kemm hemm ċemtimentri nieqsa fuq il-50 bank u ninfurmaw lill-kuntrattur b'dan.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li għandha nnaqsuhom mill-kont jew ~~inkella jbiddilhom~~. inkella jagħtuna proposta oħra.

Il-Kunsill qabel li ma għandiex nħallsu dan il-pagament qabel ma tinstab soluzzjoni.

3.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spejga li l-pagamenti 25 u 26 huma għax-xogħol li sar fuq il-ħadid tad-dawra tal-funtana u ż-żewġ gradi tal-ħadid li twaħħlu fil-bandli.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għal ċertu *direct orders* li qedgħin jingħataw bħal Stainles Structures li qegħdin jammontaw għal ħafna flus u qal ukoll li anke l-Awditur kien irrimarka fir-rapport.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-istess ħaġa qeda issir meta nixtru mingħand l-Ironmongeries iżda mpossibli li noħorġu tender dwar dan. Huwa kompla jispjega li l-Awditur kien irrimarka fuq xogħol mixtri mill-Ironmongers, biljetti ta' l-ajru ecc li kollha kienu qed jiġu ndirizzati mill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li fuq xogħol urġenti nirreferu wkoll għall-kuntratturi oħra.

Kompliet id-diskussjoni rigward is-servizz tal-ħaddied minħabba li fil-bandli hemm bżonn ta' xogħolijiet b'urġenza minħabba periklu.

Is-Segretarju Eżekuttiv issuġerixxa li noħorġu *tender* iżda huwa diffiċli tikwantifika r-rata kemm bil-bill of quantities u jekk tinħareġ bis-siegħa huwa diffiċli sabiex wieħed jiċċertifika kemm ikkonsuma ħin sabiex isir ix-xogħol mitlub. Huwa kompla jispjega illi skond il-liġi jridu jgħaddu erbgħa xhur qabel jinxtraw oġġetti ta' l-istess natura. Fejn hu possibli għandna nitolbu għal tender jew kwotazzjoni.

Is-Sindku qal li x-xogħol ma għandux jieqaf għaliex dan ikun xogħol urġenti u għaldaqstant huwa ssuġerixxa illi nsibu tlett ħaddieda fejn ikunu jistgħu jgħatuna kwotazzjoni urġenti. Ħafna mix-xogħlijiet li saru kienu fuq każijiet ta' periklu.

3.2.3 Il-pagamenti numri 40 u 46 għandhom jammontaw għal €20 kull wieħed.

3.2.4 Inġibdet l-attenzjoni li huma mportanti ħafna li s-*supplier* jew persuni mqabbda mill-Kunsill għandhom jgħatuni l-irċevuti tal-VAT.

3.2.5 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa rigward pagament numru 50 rigward kemm għamel siegħat is-security u saret riferenza għal invoice partikolari.

Is-Sindku spjega li kien hemm żewġ *securities*.

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne kompliet tispjega li kienu jkunu hemm lejl u nhar matul l-attivita`.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni illi meta tkun ser issir attivita` il-Kunsilliera għandhom jkunu jafu b'dak kollu li jikkonċerna ma' l-attivita`.

~~Is-Sindku wieġbu li dejjem kienu mistiednin.~~

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne qalet li hi dejjem nfurmat lill-Kunsilliera bl-attivitajiet li torganizza hi.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar wieġeb li hu qatt ma rċieva notifiki ta' l-attivitajiet.

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne qalet li fil-laqgħa preċedenti kienet preżentathom.

3.2.6 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issuġġerixxa sabiex meta jkun hemm ħlasijiet li qed jiġu sponsorjata jiġu immarkati b'*asterix*.

3.2.7 Il-pagamenti numri 78, 79 u 80 tressqu waqt il-laqgħa

3.2.8 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li konna ħallasna pagament doppju lill-Karmig u issa ser innaqsuwomlu minn dawn il-pagamenti li ġew ppreżentati fl-iskeda.

Il-Kunsill approva unanimament dawn il-pagamenti.

## 4.0 ***Komunikazzjoni mis-Sindku:***

### 4.1 **Memo 73/2010 – Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega din l-inizzjattiva li ser jipparteċipa fijha l-Kunsill. Tista titalab għajnuna finazjarja sa €2000 u l-lokalitajiet ser jiġu assesjati minn Bord. Il-lokalita` li tiġi l-ewwel post tirbaħ prempu ta' €20,000, tat-tieni post €15,000 u tat-tielet post €10,000. Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett ħa l-inkarigu ta' din l-inizjattiva.

### 4.2 **Ġnien Sant'Anna Lease Agreement:**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill bl-*agreement* il-ġdid li bagħtu d-Dipartiment ta' l-Artijiet. Id-devoluzzjoni teskludi fijha il-Klabb ta' l-Boċċi u t-Tiffany's. Il-Kunsill kien bagħat lura l-kuntratt sabiex isiru xi ftit emendi fosthom li l-*agreement* ikun għal 6 snin u imbagħad għall-perjodi ta' 3 snin.

### 4.3 **Family Park PA 4886/06 (35/3544/10/I):**

Is-Sindku ppreżenta d-deċiżjoni tal-MEPA għall-informazzjoni tal-Kunsill.

### 4.4 **Green Wardens (35/3367/10/I):**

Is-Sindku spjega li il-prosposta ta' żewġ *green wardens* fil-lokalita`. Il-Kunsill ser jħallas għal wieħed u jieħu is-servizz ta' tnejn. Dan ser jgħatu servizz ta' 40 siegħa fil-ġimgħa

Il-Kunsill qabel mal-prinċipju li jkollna il-*green wardens* fil-lokalita` pero qablu illi jiġu iċċarti xi punti qabel ma nissibħu. Il-Kunsilliera staqsew kemm jitħallsu bis-siegħa, l-ħinijiet u jekk jitħallsux b'*overtime*. Staqsew ukoll jekk nistgħux ngħmlu dan is-servizz bi prova.

4.5 **SEAP:**

Ġie preżentat l-*agreement* sabiex jiġi iffirmat rigward il-*Conventant of Mayors*. Dan il-*agreement* ser jibqa fis-seħħa sas-sena 2020.

4.6 **Camping at Triq iz-Zonqor Marsaskala – (35/3711/10/I):**

Is-Sindku ppreżenta l-korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment ta' l-artijiet rigward il-permess li ħallas is-Sur Delia għall-kampeġġ.

4.7 **Proposed Contract KMS- Local Council – (35/3435/10/I):**

Is-Sindku spjega rigwrad iż-żewġ kuntratti li jridu jsiru mal-KMS u l-Iskola Primarja rigward il-grawnd tal-futbol.

4.8 **Klabb tal-Futbol:**

Is-Sindku qara l-korrispondenza sabiex titħallas l-*entrance fee* ta' €120 sabiex il-klabb ikun jista jilgħab fit-tielet diviżjoni għall-istaġun 2010/11. Il-Kunsill innota li din tista biss tkun permessibli minħabba li dan il-klabb ġie organizzat mill-Kunsill minħabba nuqqas ta' sports ġewwa Marsaskala.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex titħallas l-*entrance fee* u dan peress li dan il-klabb ġie iffurmat mill-Kunsill wara nuuqas ta' postijiet rikrejattivi għaż-żgħażagħ. Il-Kunsill fil-fatt jinsab fil-proċess ta' devoluzzjoni għal 5 *a side football pitch* fil-grawnds ta' l-iskola.

4.9 **Douzelage Kunċert:**

Is-Sindku nforma l-Kunsill li ser jittella kunċert ta' pjanista mil-Latvia u soprana Maltija. Dan il-kunċert ser jsir Monte Kristo u l-ispejjeż ser jinħarġu mill-privat. Il-biljetti ser ikunu €15. Din se tkun inizjattiva permezz tal-Private Partnership Scheme bekn il-Kunsill u l-privat

Is-Sindku kompla jżied li kien talab lid-Dr. Chris Said għall-approvazzjoni u fil-fatt kien ċempillu biex jipproċedi. Huwa talab l-għajnuna ta' kullħadd għal dan l-avveniment.

4.10 **Douzelage Monument:**

Ġiet preżentant l-*art work* li għamel il-perit rigward il-monument bil-*coat of arms* tal-pajjiżi membri fid-douzelage.

Ġie deċiż li jinħareġ *tender* sabiex isir dan il-monument hekk kif ikollna l-permess tal-MEPA f'idejna.

4.11 **Patching fil-lokalita`:**

Il-Kunsill qabel li jsir *patching* fi Triq Salvu Buhagair minn ħdejn il-*Littles Supermarket* sa Triq Ġebel Ħanxul, Triq il-Gross, Triq La Sengle, Triq il-Bidni minn Triq iż-Żafran lejn Triq Ħaż Żabbar.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li għandu jinbena l-ħajt tas-sejjiegħ fil-parti d-dejqa li tagħti mill-*by pass* għal Triq iż-Żafran

4.12 **Bord ta' l-Appell Kumitat Riċiklaġġ:**

Il-Kunsill ġie nfurmat illi s-smiegħ tal-appell ser jsir il-Ġimgħa 18 ta' Ġunju fit-3.30pm u ser jitla jixhed Prfs. Victor Axiaq.

4.13 **Memo 78 /2010 - Sejħa għal proposti ta' proġett taħt l-FEŻR (35/3826/10/I):**

Il-Kunsill iddeċieda li ma napplikawx għal din l-iskema għaliex għadna ma nafux kemm ser jiġi jiswa il-bini l-ġdid tal-Kunsill.

4.14 **Fond ta' Finanzjament rigward Nitra Majorettes:**

Is-Sindku nforma l-Kunsill li rċevejna s-somma ta' €5005 mill-Unjoni Ewropeja u qegħdin nistennew €750 mill-Gvern Ċentrali permezz tal- Cofinancing. Il-Kunsill qabel ukoll mal-agreement tal-Cofinancing

4.15 **Libell mill-Ex Segretarju Eżekuttiv s-Sur Joseph Caruana:**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-kawża ta' libell li għandu kontra l-ex Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joseh Caruana ġiet diferita għall-Settembru.

5.0 ***Mistoqsijiet:***

5.1 **Mistoqsija mressqa mill-Kunsillier – is-Sur Lawrence Ciantar (#011-28/05/10):**

*"Jistaqsi, jekk is- Sindku u is- Segretarju jistgħux jghidu meta ħa nħejju pjan ta ħidma ta' tlett snin li jkun rivedibbli l-Kunsill ta' Marsaskala skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali Kap.363 bl-ATT XV1 Taqsima Seba' Mixxellanji Paragrfu 70".*

**Risposta :**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega fil-dettal il-proċeduri finanzjarji u nforma lill-Kunsill illi l-*buisness plan* qiegħed jsir.

Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar x'kienet eżatt il-mistoqsija tiegħu.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li wara li ssir il-laqgħa pubblika jrid jiġi approvat l-*budget* u jiġi mniżżel f'hiex ser jintefqu eżatt il-flus. Huwa kompla jgħid li l-*buisness plan* jrid isir sa sena wara. Huwa kompla jgħid li jkun aħjar kieku l-Kunsilliera jkunu jafu kemm jistgħu jonfqu f'attivitajiet u proġett kull wieħed. Kompla jinforma lill-Kunsill li probabilment ser jkollna nbiddlu xi biċċiet mill-bandli u għaldaqstant jrid ikun hemm fondi għalijom.

5.2 **Mistoqsija mressqa mill-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud (#012-4/06/10):**

*"X'inhija l-probabilta` li terġa titpoġġa skip immarkata <u>Skart organiku biss</u> fi Triq il-Qrempuċ kantuniera ma' Triq l-Iskall jew fl-akwati*

*Għandna ninfurmaw lir-residenti ta' l-inħawi li jekk din l-iskip tiġi abbużata billi jintefa` fiha skart li jista` jiġi seperat, din terġa titneħħa".*

**Risposta:**

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett irrisponda illi qed isir eżerċizzju li neħħu l-iskips u nżidu l-*bring in sites* filwaqt li ninfurmaw lir-residenti konċernati kull meta ssir fin il-bidla.

6.0 **Fuljett – Informazzjoni għar-Residenti:**

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne infurmat lill-Kunsill rigward il-*leaflet* li ser jitqassam mal-magażin li jmiss

Il-Kunsill qabel unanimament

7.0 **Unita`:**

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne infurmat lill-Kunsilliera bl-attivita` li ser ssir mit-18 ta' Ġunju 2010 sal-29 ta' Ġunju 2010 fil-sala tal-Knisja. L-ikel ser jiġi pprovdut mill-HSBC u l-inbid ta' Grech. Il-Kunsill ser iħallas għall-biljetti biss.

8.0 **Open Day Vajrita`:**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li ser ssir open day fir-residenza` Vajrita.

Sar qbil unanimu li permezz tal-ħaddiema noffrulhom xogħol ta' żebgħa.

9.0 **Mozzjonijiet:**

9.1 **Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku – s-Sur Charlot Mifsud (#197-16/05/10):**

*"Jipproponi sabiex isiru żewġ floodlights man-naħa tas-Siberja u wieħed in-naħa taż-Żonqor bħal dawk li saru ħalli l-bajja tkun iżjed imdawwla n-naħa ta' barra, peress li anke l-barra qed ikun hemm ħafna dgħajjes mgħarbutin u b'hekk minbarra li nsebbħu nkunu qed innaqsu l-abbużi u l-vendikazzjonijiet."*

Il-Kunsill qabel unanimament.

9.2 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – s-Sur John B. Camilleri (#198-20/05/10):**

*"Jipproponi sabiex issir traffic mirror fi Triq il-Batterija taż-Żonqor kif indikat fis-siteplan".*

Il-Kunsill qabel unanimament.

9.3 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –s-Sur Lawrence Ciantar (#199-28/5/10):**

*"Jipproponi sabiex il-Kunsill Lokali jitkellem ma Transport Malta biex fi Triq San Antnin fejn il-Bank HSBC isiru traffic lights."*

Il-Kunsill qabel unanimament.

9.4 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –s-Sur Lawrence Ciantar (#200-28/5/10):**

"Jipproponi sabiex tinbidel il-biċċa bankina li fadal fi Triq is- Salvja."

Din il-mozzjoni ġiet awtomatikament approvata minħabba li kien hemm diġa mozzjoni inġenerali approvata f'laqgħa preċedenti.

9.5 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –s-Sur Lawrence Ciantar (#201-28/5/10):**

*"Jipproponi sabiex isiru CCTV control cameras fil-Bandli Mifsud Bonnici biex jonqsu l-abbużi u jkollna rendikont ta' dak li qed issir."*

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li hija mportanti li titwaħħal CCTV minħabba l-vandaliżmu li qieghed isir.

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li qed jitkellem ma xi kuntrattur biex nġibuhom b'*sponsor* permess ta' *neighbourhood watch.*

Huwa kompla jispjega illi jekk il-kuntrattur iwaħħlu *sticker* fuq il-plakkek tat-toroq nġibu l-apparat b'xejn. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar sostna li almenu nġibu l-*Ecowarden* għax-xhur tas-sajf u nibgħatu ittra lill-Pulizija.

Il-Kunsill qabel unanimament

Il-Kunsill qabel ukoll li neħħu l-*litterbins* preżenti fi Pjazza Mifsud Bonnici u nwaħħlu oħrajn iktar adattati filwaqt li l-oħrarjn nirranġawhom u nagħmulhom fil-bandli taż-Żonqor.

9.6 **Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku – s-Sur Charlot Mifsud (#202-3/06/10):**

*"Jipproponi sabiex issir pressjoni neċessarja ma min hu nkarigat sabiex l-aħħar biċċa ta' Triq l-Iskal issir bit-tarmak għax qed ikun hemm ħafna trap u tajn b'inkonvenjenza kbira għar-residenti".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata għax ma kinetx saret minħabba li kien hemm żvilupp.

9.7 **Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku – s-Sur Charlot Mifsud (#203-3/6/10):**

*"Jipproponi sabiex biċċa żgħira fil-kantuniera fi Triq l-Iskal ma` Triq Ġużeppi Spagnol fejn kien hemm ukoll inwaħħal arblu tad-dawl li issa nqala` isirilha t-ttarmak għax qegħda ta' nkonvenjet u ta' periklu".*

Il-Kunsill approva li ngħamluha aħna.

9.8 **Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku – s-Sur Charlot Mifsud (#204-27/5/10):**

*"Jipproponi sabiex l-ewwel triq li jkollha bżonn isem, tisemma għal ex Kunsillier David Vella, li meta miet kien qed iservi bħala Kunsillier".*

Il-Kunsill approva unanimament

10.0 **Ħatra ta' Librara għall-librerija tal-Kunsill Lokali:**

Il-Kunsillier is-sinjura Carmen Fearne tat rendikont tal-proċess tal-librara fejn l-applikant li ntażel b'mod unanimu mill-bord magħmul mis-Sindku, il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne u s-Segretarju Eżekuttiv u s-Sur Micheal Cachia rappreżentant mid-Dipartiment.

Kien hemm qbil unanimu li naħtru lis-Sinjura Graziella Mallia.

11.0 ***Aġġornament :***

Il-laqgħa spiċċat fid-9.30p.m u l-laqgħa li jmiss se tkun nhar l-13 ta' Lulju fis-6.30p.m.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku